**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 30 ta' Ottubru 2019**

**Avviż Numru: 365/2006 MLF**

**Maltacom p.l.c. u b'digriet tat-28 ta' Jannar 2008 il-Qorti awtorizzat li isem is-socjeta' rikorrenti jigi mibdul ghal "GO p.l.c."**

**vs**

**Schembri Infrastructures Ltd. gia General Road Servicing Ltd.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet li s-socjeta' konvenuta tigi ikkundannata thallasha s-somma ta' tlett elef seba' mija sebgha u tmenin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm3787.25) in kwantu ghal tlett elef seba' mija disgha u sebghin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm3779.25) in konnessjoni ma' hsarat ikkagunati lill-propjeta' tas-socjeta' attrici waqt xogholijiet fir-Ringroad tal-Universita' ta' Malta, f'Awwissu 2004 u dan skond fattura bir-riferenza 16489 datata 30 ta' Novembru 2004, u ghal LM8 (tmien liri Maltin) in konnessjoni ma' ittra ufficjali mahruga fil-Qorti tal-Magistarti (Malta) bir-riferenza 10352/05, debitament notifikata. (GT3/2004/40)

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda kontra taghha stante illi ghall-incident li fih l-attrici tallega li soffriet il-hsara imsemmija fir-rikors is-socjeta' eccipjenti ma kellha l-ebda htija.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici.

Rat li s-socjeta' konvenuta ma ipprezentatx in-nota ta' sottomissjonijiet taghha fit-terminu lilha moghti.

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

1. F'Awwissu 2004 saru diversi lmenti mas-socjeta' attrici dwar hsarat fil-linji telefonici fl-inhawi tal-Msida, fil-vicinanzi tal-Universita'. Minn stharrig li ghamlu l-haddiema tas-socjeta' attrici irrizulta li kien hemm hsara f'*cable* taghha li jinsab gewwa r-*ring-road* fl-Universita' ta' Malta f'Tal-Qroqq.[1]

2. Meta marru fuq il-post, il-haddiema tas-socjeta' attrici sabu li l-hsara kienet sehhet fuq il-*cable* bejn *manhole* 135 u 136. Il-haddiema tas-socjeta' attrici kienu bidlu dan il-*cable* 1200pr f'tul ta' mija u tmenin (180) metru sabiex tigi eliminata l-hsara. Dwar dan l-incident, kien sar rapport fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Imsida[2].

[1] Ara Dok KG7 a fol. 29 tal-process
[2] *Fol* 84 tal-process.

3. Irrizulta li ftit jiem qabel, is-socjeta’ konvenuta kienet wettqet xogholijiet ta’ skavar f’din it-triq biex tghaddi pajpiet tad-drenagg. Fir-rigward ta’ dawn ix-xogholijiet is-socjeta’ konvenuta kienet talbet u ottjenijiet permess mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta, liema permess igib in-numru 1102/2004.[3]

4. Qabel beda dan ix-xoghol ta’ skavar, impjegat tas-socjeta attrici, Victor Busuttil, kien ghamel il-marki bil-kulur ahdar fl-art tar-ringroad tal-Universita', biex jindika lis-socjeta konvenuta minn fejn kienet ghaddejja l-istruttura tas-socjeta attrici,[4] u dan ai termini tal-istess permess mahrug lis-socjeta konvenuta.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

Din il-kawza hija dwar danni li sehhew fuq *cable* appartenenti lis-socjeta’ attrici. Is-socjeta’ attrici tattribwixxi r-responsabbilita’ ghal din il-hsara minnha sofferta fuq is-socjeta’ konvenuta li da parti taghha qed tichad kull responsabbilita’, billi ssostni li din il-hsara ma gratx bi htija taghha.

Joseph Cilia, *technical executive* mas-socjeta’ attrici xehed illi meta mar fuq il-post flimkien mat-*technicians* sabu li kien sar xoghol ta’ skavar ta’ trinka vicin hafna tad-*duct route* minn fejn ikunu ghaddejjin il-*cables* tas-socjeta’ attrici. Spjega li l-*cables* ikunu ghaddejjin minn go pajpijiet tal-plastik li jkunu inseriti fil-konkos u li dawn il-pajpijiet kienu gew issegati. Qal li fuq il-post kienu sabu illi kienet saret *inspection chamber* vicin hafna ta’ dawn il-pajpijiet. Spjega li l-haddiem li kien hemm fuq il-post ma riedx jaccetta r-responsabilita’ ta’ dawn il-hsarat, u ghalhekk il-haddiema tas-socjeta’ attrici kienu gibdu l-*cable* u minn kalkoli li ghamlu rrizulta li dan kien intlaqat fejn kien hemm din l-*inspection chamber*. Spjega ukoll li din il-procedura saret fil-presenza ta’ rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta. Sabiex tigi msewwija din il-hsara, il-haddiema tas-socjeta’ attrici kienu bidlu it-tul kollu ta’ dan il-*cable* minn *manhole* sa ohra u t-truf gew maghquda flimkien.[5]

---

[3] Ara Dok JC a *fol* 54 *et seq* tal-process.
[4] Ara fol. 88 tal-process.
[5] Ara x-xhieda ta’ Joseph Cilia a fol 86 *et seq.* tal-process

In kontro-ezami x-xhud spjega li l-*cable* kien ingibed mill-*manhole* li tidher fir-ritratt immarkat KG 14.[6] Qal li d-*duct route* tkun tinsab madwar tlett piedi l-isfel mill-livell tat-triq.

Is-socjeta' konvenuta tikkontendi tramite d-direttur taghha Edward Schembri illi l-marki hodor li s-socjeta' attrici kienet ghamlet fit-triq fejn saru x-xogholijiet kienu fuq in-naha tax-xellug tat-triq filwaqt li x-xogholijiet imwettqa mis-socjeta' konvenuta saru fuq in-naha tal-lemin. Fir-rigward tal-marka li tidher fid-dokument immarkat KG 17 jghid li din il-marka saret wara li x-xoghol ta' tqattih tat-trinka kien tlesta. Schembri jinsisti li meta saret it-trinka da parti tas-socjeta' konvenuta ma kien jidher l-ebda *cable* tas-socjeta' attrici. Ghar-rigward imbaghad tad-dokument immarkat KG 16 jghid li generalment meta *cable* jintlaqat b'gaffa, dan jinqasam u mhux issirlu girfa kif tidher f'dan ir-ritratt.[7]

In kontro-ezami, Schembri jghid li fiz-zmien tal-akkadut is-socjeta' konvenuta biss kienet qeghda tahdem fuq il-post. Spjega li t-trinka saret madwar tletin (30) centimetru 'l barra mil-linja medjana tat-triq u li din kienet wiesgha madwar sittin (60) centimetru. Din it-trinka tkun saret sabiex minnha jghaddi d-drenagg. L-*inspection chamber* jkollha qisien ta' zewg piedi b'zewg piedi. Fuq kull naha tal-*inspection chamber* ikun hemm hajt tad-disa' pulzieri.[8]

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi f'dan il-kaz, biex is-socjeta' attrici tottjeni dak li qeghda titlob permezz ta' din il-procedura u cioe' l-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tad-danni, is-socjeta' attrici kellha tipprova fl-ewwel lok illi hija effettivament sofriet dawn id-danni, u fit-tieni lok illi dawn id-danni gew lilha ikkagunati mis-socjeta' konvenuta.

Fir-rigward tal-ewwel element, mill-provi prodotti, il-Qorti tinsab konvinta illi s-socjeta' attrici sofriet id-danni minnha reklamati. Dan jirrizulta minn diversi provi fosthom mix-xhieda ta' Joseph Cilia li spjega kif minn indagini li ghamlu l-haddiema tas-socjeta' attrici irrizulta li l-hsara kienet lokalizzata gewwa r-*ringroad* tal-Universita'. Dan ix-xhud qal li meta hu mar mal-haddiema tas-socjeta' attrici u dawn gibdu l-*cable* in kwistjoni irrizultalhom li dan il-*cable* kien gie milqut. Dan il-fatt huwa ikkonfermat kemm mir-ritratti esebiti minn dan ix-xhud,[9] kif ukoll mid-direttur tas-socjeta' konvenuta li fix-xhieda tieghu jghid: "*il-pipe tal-cable tal-Maltacom*

[6] Ara fol. 92 tal-process.
[7] Ara Dok KG 16 u Dok KG 17 a fol. 93 tal-process.
[8] Xhieda ta' Edward Schembri a *fol* 104 *et seq.* tal-process.
[9] Ara Dok KG 18 u KG 19 a fol. 94 tal-process

*dana gibduh kollu kemm hu 'l barra u kienet tidher dik id-daqqa zghira murija fuq ir-ritratt KG16 a fol. 93.*" Fir-rigward ta' l-ammont pretiz, is-socjeta' attrici esebiet *invoice* li tindika kif dan jinkludi kemm l-ispejjez tal-materjal kif ukoll l-ispejjez involuti bhala *labour*.[10]

Is-socjeta' attrici kellha imbaghad tipprova wkoll in-ness bejn l-imsemmija hsarat u l-agir tas-socjeta' konvenuta. Hu maghruf, illi biex ikun hemm lok ghad-danni hu indispensabbli li jkun hemm ness ta' kawzalita', u cioe' li l-hsara trid tkun ikkawzata mill-imgieba tal-parti mharrka. Kien jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tipprova tali ness u dan sabiex il-mizien tal-probabilità ixaqleb lejn l-allegazzjoni mressqa minnha u mhux lejn id-difiza mressqa mis-socjeta' konvenuta.

Fil-kaz odjern, il-Qorti tosserva illi minn dak li xehedu Joseph Cilia f'isem is-socjeta' attrici u dak li xehed Edward Schembri in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta jirrizultaw zewg fatti li dwarhom jidher li hemm qbil bejn il-partijiet, u cioe' li dak iz-zmien tal-akkadut kienu qed isiru xogholijiet fit-triq in kwistjoni da parti tas-socjeta' konvenuta, u li meta l-*cable* tas-socjeta' attrici gie migbud irrizulta li effetivament dan kien gie milqut.

Il-kontestazzjoni tas-socjeta' konvenuta hija mibnija fuq zewg binarji. Fl-ewwel lok Edward Schembri jsostni li meta *cable* jintlaqat b'gaffa dan jinqasam u mhux issirlu girfa. Fit-tieni lok huwa jghid li x-xogholijiet maghmula mis-socjeta' konvenuta kienu fuq in-naha tal-lemin tat-triq mentri l-marki hodor maghmula mis-socjeta' attrici kien jinsab fuq in-naha tax-xellug.

Fir-rigward tal-ewwel parti tal-kontestazzjoni, il-Qorti hija tal-fehma li huwa ghal kollox irrilevanti l-argument illi meta *cable* jigi milqut b'makkinarju dan jinqasam u mhux jingiref. Dan qieghed jinghad ghaliex f'kazijiet bhal dawn fejn ikunu qeghdin isiru xogholijiet ta' skavar, l-entita' tal-hsara fuq is-servizzi li jkun ghaddejjin minn taht it-triq hija dipendenti fuq diversi fatturi fosthom il-mod kif *cable* jista' jigi milqut u l-makkinarju uzat minn min ikun qieghed iwettaq ix-xogholijiet. Fi kwalunkwe kaz, dak li huwa rilevanti hu illi b'konsegwenza tal-hsara ikkagunata dan il-*cable* kellu jigu mibdul. Is-socjeta' konvenuta ma gabet l-ebda prova kontra dan il-fatt.

[10] Ara Dok KG1 a fol. 2 tal-process.

Fir-rigward imbaghad tat-tieni parti tal-kontestazzjoni, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti ma huwiex verosimili dak li xehed Edward Schembri li x-xogholijiet mwettqa mis-socjeta' konvenuta saru fuq in-naha tal-lemin tat-triq. Irrizulta ampjament mill-provi li kienet is-socjeta' konvenuta wahedha illi kienet qeghda twettaq xogholijiet ta' skavar fit-triq *de quo* fiz-zmien in kwistjoni. In oltre, is-socjeta' konvenuta kienet marbuta b'numru ta' kundizzjonjijet imposti fuqha mis-socjeta' attrici u mill-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta, kif elenkati fil-permess mahrug favur taghha, fosthom illi taddotta diversi prekawzjonijiet sabiex tassigura illi ma jigux imwettqa hsarat fl-insfrastruttura tas-socjeta' attrici. Dawn il-prekawzjonijiet kienu jinkludu illi s-socjeta' konvenuta kellha taghmel "*appropriate number of pilot holes to ascertain the whereabouts of the buried plant with the aim that no damage is caused. Furthermore, it is also being requested that the Contractor is to make use of the proper track location equipment to avoid damage to the infrastructure ... the Contractor has the full responsibility to use the appropriate excavating equipment, which does not cause any damage to this infrastructure. Hand tools are recommended for such work.*"[11] Mill-atti processwali ma jirrizultax illi s-socjeta' konvenuta adoperat tali prekawzjonijiet.

Fis-sentenza fl-ismijiet **GO p.l.c. vs Schembri Infrastructures Limited gia General Road Servicing Limited** moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri)[12] fid-29 ta' Mejju 2009 inghad illi:

*"Premess dan, jibda biex jigi osservat in tema legali illi, apparti minn natura insita taghha, l-attivita` de quo kondotta mis-socjeta` konvenuta appellata tassumi wkoll il-karatteristika tar-riskju u tal-perikolu minhabba kondotta imprudenti jew negligenti minn min jezercitaha. Proprju, in-ness kawzali bejn din il-kondotta imprudenti u l-event tal-hsara hu kwalifikat minn natura riskjuza nnifisha ta' l-attivita` u ta' dawk tal-mezzi utilizzati ghall-ezercizzju u l-ezekuzzjoni taghha;*

*F'kazijiet tax-xorta in ezami r-responsabilita` tal-kuntrattur tax-xoghlijiet tinzel mill-fatti duplici illi (i) ma jkunx ghamel verifiki adegwati ex ante l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet, u (ii) ma jkunx uza, ex-Artikolu 1032 (1), Kodici Civili, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja fl-istess ezekuzzjoni tax-xoghlijiet".*

---

[11] Ara Dok KG6 a fol.26 tal-process.
[12] *Per* Imhallef Philip Sciberras

B'applikazzjoni ta' dawn il-principji il-Qorti tqis illi s-socjeta` attrici rnexxielha tipprova in-ness ta' kawzalita` bejn l-agir tas-socjeta` konvenuta u d-dannu minnha subit. Minn naha l-ohra, is-socjeta' konvenuta ma rnexxielhiex tipprova illi hija uzat il-prudenza mistennija minn missier tajjeb tal-familja. Lanqas ma rnexxielha tipprova li hi ottemprat ruhha mal-kundizzjonjiiet imposti fuqha mis-socjeta' attrici billi addottat il-mizuri prekawzjonali imposti fuqha bhal ma huma l-uzu ta' *pilot holes, proper track location equipment* u makkinarju addattat ghax-xoghol li kienet qeghda twettaq.

Anke jekk wiehed kellu jaccetta *a bocca baciata* dak li jghid id-direttur tas-socjeta' konvenuta fix-xhieda tieghu u cioe illi huwa zamm d-distanza mill-marki maghmula mill-haddiema tas-socjeta' attrici, dan il-fatt ma jistghax jillibera lis-socjeta' konvenuta mir-responsabilita' taghha fil-konfront tas-socjeta' attrici. Kundizzjoni generali ohra tal-permess tipprovdi illi sa fejn teknikament possibbli, is-socjeta attrici taghmel dak kollu mehtieg biex b'mod akkurat timmarka t-triq fejn tkun tinsab l-infrastruttura taghha, b'dan illi skond din l-istess kondizzjoni, hi ma kienitx qieghda tiggarantixxi *"that markings given by its representatives are exact."* Is-sentenza **GO p.l.c. vs Schembri Infrastructures Limited gia General Road Servicing Limited** fuq citata kienet tittratta kaz prattikament identiku ghal dak odjern bejn l-istess partijiet, fejn is-socjeta konvenuta kellha imposti fuqha l-istess kundizzjonijiet. F'dik is-sentenza il-Qorti tal-Appell osservat hekk fuq kundizzjoni identika dwar l-immarkar *"Fuq dan il-punt din il-Qorti kif presjeduta kienet f'sentenza anterjuri taghha rrilevat illi "l-immarkar ma huwiex xi esigenza merament burokratika imma dak l-immarkar hu hekk impellanti biex jigi individwat b'akkuratezza il-lok fejn tkun pozizzjonata l-infrastruttura, u b'hekk jigi skongurat skavar bl-addocc" (***Maltacom plc – vs – Anthony Vella et***, 15 ta' Novembru 2006."*

F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Appell kompliet tghid hekk:
*"Dejjem fil-fehma tal-Qorti, is-socjeta konvenuta ma tistax tappilja ruhha mal-iskuzanti illi marki ma kienx hemm fil-parti tas-superficji tat-triq fejn sar l-iskavar minnha, ghaliex kieku stess kien hekk, il-pilot holes u l-uzu ta' "proper track location equipment" setghu jindikawlha, li fil-fatt anke fejn sar l-iskavar, kienu ghaddejjin il-cables. ... ... Huwa ghal kollox immaterjali jekk kienx hemm immarkar preciz jew le, ghaliex il-htiega ta' dawn il-pilot holes kienet fis-sustanza hekk eskogitata mill-kundizzjonijiet tal-permess biex ikun accertat jekk f'dik il-parti tat-triq li kellha tigi skavata, ukoll fl-assenza ta' markar preciz, kien hemm l-infrastruttura. Jekk allura s-socjeta appellata hadet ir-riskju, ghaddset rasha u tat bidu ghax-xogholijiet*

*minghajr ma ghamlet indagni sewwa u kif suppost permezz tal-pilot holes, hi ma tistax tippretendi li l-htija ma tigix imputata lilha ghaliex din kien tas-socjeta appellanti li ma ghamlitx marki precizi. Pretensjon bhal din, fil-fehma tal-Qorti ma tistax isserviha bhala diskariku mir-responsabbilita meta hi, imprudentement, ma segwietx l-obbligu li kienu jiddettawlha l-kundizzjonijiet. Ukoll ghar-rigward tal-uzu ta' ghodod u ingenji li kellha tuza. Palesament, imbaghad, jekk kif ukoll pretiz minnha, hi ezegwit ix-xogholijiet bil-prekawzijiet okkorrenti, l-istess ma rrizultawx li kienu hekk sufficjenti ghaliex id-dannu xorta wahda sehh. Dannu dan li kien oggettivament evitabbli kieku s-socjeta appellata kkonfermat ruha pjenament mal-kundizzjonijiet tal-licenzja."*

Dan l-insenjament japplika b'mod ugwali fil-fattispecje tal-kaz odjern. Konsegwentement, il-Qorti tqis illi s-socjeta' attrici ippruvat il-pretenzjoni taghha sal-grad rikjest mill-ligi u ser tghaddi biex tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-intier taghha, ghar-rigward id-danni konnessi mal-hsarat ikkagunati lill-prorpjeta tas-socjeta attrici.

Pero rigward li s-socjeta attrici ma ipproducietx l-ebda taxxa tal-ispejjez u drittijiet mahruga mir-Registru ta' din il-Qorti biex tissostanzja t-talba taghha ghar-rifuzjoni ta' LM8 in konnessjoni mal-ittra ufficjali minnha mibghuta lis-socjeta konvenuta bir-riferenza 10352/05 Madanakollu l-ispejjez ta' din l-ittra ufficjali ghandhom jigu subiti mis-socjeta konvenuta flimkien mal-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda:

1. Tichad l-unika eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;
2. Konsegwentement, tilqa' limitatament it-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmint elef, tminn mija u tlett Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€8,803.28c) ekwivalenti ghas-somma ta' tlett elef seba' mija u disa' u sebghin Lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm3779.25), bl-imghax li jibda jiddekorri mill-25 ta' Novembru 2005, id-data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali.

L-ispejjez kollha ta’ dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta’ Novembru 2005 bin-numru ta’ riferenza 10352/05, ghandhom jigu subiti mis-socjeta’ konvenuta.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**